11 ta' Diċembru, 1950

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., ***Pres.***

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**George Francis Miller ne.** *versus* **George Pace ne.**

**Prattika Bejn il-Kummerċjanti — Mandat — Vettural.**

***Il-prattika bejn il-kummerċjanti għandha importanza fondamentali; għaliex timporta illi min jikkuntenta biha jiġi ritenut li ġie jaċċetta wkoll l-implikazzjonijiet tagħha.***

***Fil-każ preżenti, il-konvenut kien solitu minn Għawdex jibgħat iġib kotba minn għand l-attur f'Malta per mezz ta' kurrier, u f'din l-okkażjoni ma riedx iħallas il-prezz tal-kotba reklamat mill-attur,***

***għax allega li l-kotba ma rċevihomx. Iżda l-Qorti qatgħet li huwa, avvolja ppretenda li l-kotba ma rċevihomx, kellu jħallashom, billi dawk il-kotba kienu ġew konsenjati lill-kurrier bħala mandatarju u rettorali tiegħu, in bażi għall-prattika solita bejn il-kontendenti.***

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi fit-13 ta' Mejju 1944, jew f'data oħra verjuri, hu biegħ lid-ditta konvenuta "Lewis Pace & Sons" il-kotba ndikati fid-dikjarazzjoni u fil-kont (dok. C) bil-prezz ta' £50, u kkonsenja l-istess kotba lill-kurrier tad-ditta konvenuta, Antonio Borg; u li, non ostanti li ġie nterpellat, il-konvenut George Pace nomine rrifjuta li jħallas, u allega li ma rċeviex il-kotba, u ġie allegat li l-konvenut l-ieħor ma jafx bil-konsenja li saritlu; talab li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lill-attur nomine s-somma ta' £50 prezz ta' l-imsemmija kotba; bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-30 ta' Mejju, 1950, li laqgħet it-talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Pace, u ordnat li l-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-konvenut Borg, jitħallsu mill-konvenut Pace; billi kkunsidrat;

Illi mhux kontrastat illi l-prattika bejn l-attur nomine u l-konvenut Pace, għar-rigward tal-konsenja tal-kotba ordnati minn dan il-konvenut lill-attur nomine, kienet illi l-konsenja ssir lill-konvenut l-ieħor Borg, li jaħdem bħala kurrier, u li ilu jippresta din ix-xorta ta' xogħol tiegħu lill-konvenut l-ieħor Pace minn almenu għaxar snin 'il hawn. L-istess konvenut Pace afferma illi Borg dejjem kien korrett u dejjem ikkonsenjalu regolarment dak li bagħtu biex iġiblu (fol. 139). Lanqas jista' jiġi kontrastat illi, meta Borg kien irtira l-kotba ordnati, hu kien iffirma dokument li jissejjaħ id-"delivery note" bħala prova tal-konsenja;

Illi dina l-prattika bejn il-kummerċjanti għandha importanza fondamentali fi kwistjonijiet simili, għaliex timporta illi min jikkuntenta biha għandu wkoll jiġi ritenut li qiegħed jaċċetta l-implikazzjonijiet tagħha. Hekk, f'dan il-każ, l-implikazzjonijiet evidenti tal-prattika fuq senjalata huma dawn :—

1. Meta l-attur nomine għamel il-konsenja lil Borg (u mhux lil bniedem ieħor mhux aċċettat mill-konvenut Pace), allura l-

konsenja tkun qiegħda ssir sewwa għall-finijiet tar-relazzjonijiet bejn il-kontendenti; 2. Meta l-attur nomine għandu f'idejh id-"delivery note" iffirmata minn Borg, allura din iċ-ċirkustanza, flimkien ma' dik ta' qabilha, tikkrea preżunzjoni qawwija li l-merkanzija konsenjata lil Borg waslet fil-pussess tal-konvenut l-ieħor Pace, u li għalhekk il-piż tal-prova kuntrarja jaqa' bla dubju fuq il-konvenut Pace;

Illi fil-każ in ispeċje l-kotba li tagħhom l-attur nomine qiegħed jitlob il-prezz ġew konsenjati lil Borg kontra l-firma tad-"delivery note" eżibit fil-fol. 8 ta' l-inkartament;

Illi għalhekk l-"onus probandi" li l-kotba, kif qiegħed jallega, ma rċevihomx hu mixħut fuq il-konvenut Pace, u għalhekk il-Qorti għandha teżamina jekk dan irnexxielux jagħmel il-prova kuntrarja;

Illi ċertament il-Qorti ma tistax tirritjeni li din il-prova kuntrarja ntlaħqet bin-nuda asserzjoni tal-konvenut Pace li hu ma rċeviex il-kotba;

Illi dan il-konvenut lanqas qisu jippretendi li Borg irċevihom minn għand l-attur nomine u naqas li jikkonsenjahom lilu. Infatti bl-ebda mod fix-xhieda tiegħu ma pprova jixħet dan id-dubju ......... Borg ikkonferma li kkonsenja lill-konvenut Pace l-kotba kollha li hu rtira minn għand l-attur nomine. Kieu ikun ċertament divers il-każ kieku l-kotba ġew konsenjati lil ħadd ieħor mhux ta' fiduċja tal-konvenut Pace, jew mhux minnu aċċettat fil-prattika preċedenti tar-relazzjonijiet tiegħu ma' l-attur nomine, jew kieku l-provi kienu juru, b'xi mod, li x'aktarx Borg żamm il-kotba għalih;

*Omissis;*

Illi għalhekk il-preponderanza tal-provi turi li t-talba, in kwantu diretta kontra Pace, hi ġustifikata;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Pace, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tat-30 ta' Mejju 1950;

Rat il-petizzjoni ta' l-appellant Pace, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija, u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-attur ne. biegħ il-kotba skolastiċi in kwistjoni lill-konvenut Pace, li kien Għawdex, u bagħathomlu mal-konvenut Borg, li huwa kurrier. Borg kien ilu jagħmilha ta' kurrier lil Pace u lil missier Pace sa minn 25 sena żmien, u kien ikun imqabbad minn Pace stess biex imur jordna u jġib il-kotba għal dak Pace. Innuela Borg kien il-mandatarju u l-vettural imqabbad minn Pace. Ix-xhud Spiteri xehed li l-kotba ġew kunsinnati lil Borg, u dana ffirma d-"delivery order". U tabilħaqq, id-"delivery order", għalkemm bid-data żbaljata, tinsab eżibita fil-proċess u ġġib il-firma ta' dak Borg, li stqarr li l-firma hija tiegħu. Borg assikura fix-xhieda tiegħu li kull darba li rċieva kotba għal Pace dejjem wassalhomlu; u fuq l-onestà ta' Borg l-appellant Pace ma ġieb ebda dubju. Il-kotba għadhom ma tħallsux; u li kieku tħallsu, Pace kien ikollu riċevuta, għax il-prattika dejjem kienet li mal-ħlas idditta attriċi tagħti riċevuta. Iżda Pace jsostni li l-kotba ħa ordnahom u lanqas irċevihom. Iżda ħa darba mix-xhieda ta' Spiteri u mid-"delivery order" iffirmata minn Borg, jirriżulta li l-kotba ġew mibgħuta lill-konvenut Pace, u ġew mibgħuta malkurrier li s-soltu jqabbad dak Pace u tal-fiduċja tiegħu, u Borg, kif xehed hu, dejjem wassal lil Pace l-kotba li bgħatlu l-attur nomine, u fuq l-onestà ta' Borg Pace ma għandu ebda dubju. il-Qorti ma tistax temmen li l-kotba fil-fatti ma waslux għand Pace. Ċertament favur l-attur nomine hemm id-"delivery order", li minnu jirriżulta li Borg effettivament ħa l-konsenja tal-kotba għan-nom ta' Pace. Mhux presumibili li Borg kien sejjer jordna l-kotba għal Pace kieku Pace ma kienx qabbdu jordnahomlu minn għand id-ditta attriċi. Borg ma kienx jinnegozja personalment f'kotba. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti l-attur ipprova soddisfaċentement il-bejgħ u l-konsenja tal-kotba lill-konvenut Pace. Kontra l-konvenut Borg ma hemmx appell; u għalhekk favur tiegħu l-lum hemm il-ġudikat;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell ta' l-appellant Pace, u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu għall-kap devolut lilha; bl-ispejjeż kontra l-appellant.